MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1167/1998/1

**Citazzjoni numru 1167/98 GC**

**Charles Grech, Carmen Mary Grech, Charles Grech iben Charles, u Michael Grech**

**vs**

**Anthony Zammit u Rudy Zammit u b'digriet tal-15 ta' Marzu 200l l-Avukat Dr Vincent Galea u il-PL Victor Bugeja gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw il-wirt battal ta' Hans Zammit u b'digriet tas-16/10/2001 id-digriet tal-15/3/2001 gie revokat "contrario imperio" u gie nominat l-Avukat Dr Joseph Zammit bhala kuratur deputat biex jirraprezenta il-wirt battal ta' Hans Zammit f'dawn il-proceduri u porceduri konnessi**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremetew:-

Illi fil-25 ta' Gunju 1996 mietet Ruth Zammit, bint l-atturi Charles Grech u Carmen Mary Grech, u li l-atturi Charles Grech iben Charles u Michael Grech, huma l-unici hutha , kif ukoll miet zewgha Hans Zammit, iben il-konvenut Anthony Zammit, u li l-konvenut Rudy Zammit huwa l-uniku huh, fil-waqt, li ommu, Rosaria Zammit ma hijiex hajja;

Illi-imsemmija Ruth Zammit u zewgha Hans Zammit mietu bla tfal u intestati, u l-atturi huma l-eredi skond il- ligi ta' Ruth Zammit u l-konvenuti huma l-eredi skond l-ligi, ta' Hans Zammit;

Illi l-partijiet ma waslux ghal ftehiem dwar il-konsistenza tal-assi ereditarji ta' Ruth Zammit u partikolarment dwar il-beni parafermali taghha;

L-atturi ghalhekk talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Qorti ma ghandhiex, prevja d-dIlliikjarazjoni li l-atturi huma l-eredi legali ta' Ruth Zammit li mietet fil-25 ta' Gunju 1996 u l-konvenuti huma l-eredi legali ta' Hans Zammit, li miet fl-istess data, (a) tillikwida l-assi ereditarji tal-imsemmija Ruth Zammit nee' Grech, billi tiddikjara li jikkonsisti fil-beni parafernali taghha li jigu stabbiliti, u nofs l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u zewgha l-imsemmi Hans Zammit, u bit-tnaqqis tad-debiti tal-assi ereditrji; u (b) tikkundanna lill-konvenuti jaghtu lill-atturi dawk l-ammonti ta; flus u l-oggetti li jigu hekk likwidati u stabbiliti bhala l-konsistenza tal-assi ereditarji tal-imsemmija Ruth Zammit, u dan fi zmien perentorju li jigi stabbilit, bl-imghaxijiet legali sal gurnata tal-pagament u versament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-10 ta' Dicembru 1996 u tas-16 ta' Marzu 1998, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizjoni. Minghajr pregudizju ghal kull dritt iehor skond il-ligi, wara li jigi stabbilit l-awtur jew l-awturi tal-mewt ta' Ruth Zammit;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xiehda taghhom;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti Anthony Zammit u Rudy Zammit fejn gie eccepit :-

1. Illi l-eccipjenti ma jopponux ruhhom ghad-divizjoni ta' l-assi ereditarji ta' Hans u Ruth konjugi Zammit skond il-ligi peress li mietu bla wild u intestati;

2. Illi l-konvenuti Anthony Zammit u Rudy Zammit ghandhom jiehdu l-ispejjez tal-funeral ta' Hans Zammit peress li hargu l-flus tal-imsemmi funeral minn buthom
waqt li l-atturi hadu l-ispejjz tal-funeral ta' Ruth Zammit mill-assi bankarji depositati fuq l-ismijiet Hans u Ruth Zammit;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Anthony Zammit u Ruth Zammit debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-konvenuti Anthony Zammit u Rudy Zammit tas-7 ta' Dcembru 2000 li magha hemm annessi dokumenti li juru li l-istess konvenuti rrinunzjaw ghall-wirt ta' Hans Zammit;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Ottubru 2001 li bih gie nominat l-Avukat Dottor  Joseph Zammit bhala kuratur deputat sabiex jirrappresenta l-wirt battal ta' Hans Zammit f'dawn il-proceduri u f'proceduri ohra konnessi;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru 2001 minn fejn jirrizulta li l-Avukat Dottor Joseph Zammit nomine ghamel referenza ghall-eccezzjonijiet gia presentati minn Anthony Zammit u Rudy Zammit u ddikjara li qed jaddotta dawn l-eccezzjonijiet li ghandhom jitqiesu li mghataw minnu ukoll;

Rat il-verbali tas-seduti tal-25 ta' Marzu 2002 t tal-4 ta' Gunju 2002;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Jannar 2003 min fejn jirrizulta li l-partijiet talbu li tinghata sentenza fit-termini ta' dak li gie verbalizzat fil-kors tas-seduta tal-4 ta' Gunju 2002;

In vista tal-premess:

Tiddeciedi billi tiddikjara li l-flejjes kollha fid-depositi bankarji ma’ l-HSBC Bank (Malta) plc u cioe’ Account No 085-036309 f’isem il-mejjet Hans Zammit, Account No 040-052144 f’isem il-mejta Ruth Grech bint Charles u Account No 074-006628 f’isem il-mejtin Hans Zammit u Ruth Grech jistghu jigu zbankati mill-atturi u cioe’ minn Charles Grech, Carmen Mary Grech mart Charles, Michael Grech u Charles Grech, l-ahhar tnejn ulied Charles u Carmen Mary Grech;

Spejjez kontra l-atturi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------